10 ta' April, 1954.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Carmela Zammit *versus* Salvatore Mifsud

**Preskrizzjoni — Interruzzjoni — Mara — Separazzjoni "De Facto" — Mandat — Azzjoni "De in Rem Verso" — Art. [illegible] tal-Kodiċi Ċivili.**

*Meta l-mara tieħu bid-dejn oġġetti ta' bżonn għaliha u għal uliedha fil-waqt li hija separata "de facto" minn żewġha, dan ma hux tenut in virtù tal-mandat taċitu għall-ħlas tal-prezz ta' dawk l-oġġetti, billi l-mandat taċitu jista' jiġi ravviżat f'dan l-akkwist biss meta l-mara u r-raġel ikunu jikkoabitaw.*

*Għaldaqstant, il-mara li tagħmel pagamenti akkont ta' dejn simili ma tistax titqies li tinterrompi l-preskrizzjoni bħala mandatarja ta' żewġha; u l-pagamenti li hija hekk tagħmel ma jiswewx biex jinterrompu legalment il-preskrizzjoni fil-konfront tar-raġel.*

*F'każ simili, ir-raġel jista' jkun tenut bl-azzjoni "de in rem verso"; salvi konsiderazzjonijiet oħra fil-każ partikulari.*

Il-Qorti, — Rat it-talba ta' l-attriċi quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta għall-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' £7. 10. 0, prezz ta' ħwejjeġ. Bl-ispejjeż, kompriżi 3s. ta' ittra interpellatorja;

Rat l-eċċezzjoni tal-konvenut, ċjoè dik tal-preskrizzjoni

a' tmintax-il xahar kontemplata fl-art. 2253 (b) tal-Kodiċi Ċivili;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-3 ta' Novembru 1953, li biha laqghet l-eċċezzjoni tal-konvenut u ddikjarat l-azzjoni ta' l-attriċi preskritta, u konsegwentement illiberat lill-konvenut mit-talba attriċi, bl-ispejjeż kontra din; billi kkunsidrat;

Illi mid-depożizzjoni ta' mart il-konvenut, inkwantu kontradetta, irriżulta li l-aħhar li hadet affarijiet minn ghand l-attriċi kien xi erba' snin ilu, u dawn l-affarijiet hadithom meta kienet separata "di fatto" mir-raġel, u qatt ma qalet lil żewġha bihom;

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attriċi li biha talbet ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat id-deċiżjoni taghha fuq l-inċident preliminari fol. 11;

Ikkunsidrat:

Jirriżulta mill-provi li sa Marzu 1952 (ara xhieda ta' mart il-konvenut fit-tieni istanza) din kienet qeghda taghmel pagamenti akkont tad-dejn u kwindi, materjalment, mid-data ta' l-aħhar pagament akkont ma ghaddewx it-tmintax-il xahar tal-preskrizzjoni, ghax imbaghad, f'Settembru ta' l-1953, inharget iċ-ċitazzjoni;

Iżda l-kwistjoni hi jekk dawk il-pagamenti akkont, maghmulin minn mart il-konvenut, kienux jiswew biex jinterrompu legalment il-preskrizzjoni fil-konfront tal-konvenut żewġha;

Kif deher mill-provi, mart il-konvenut hadet dawn l-affarijiet, li kienu ta' bżonn ghaliha u ghal uliedha, fiż-żmien meta hi kienet separata "de facto" minn żewġha;

Ghalhekk, peress li l-konvenut ma jistax ikun tenut ghaddejn in virtù tal-mandat taċitu, li kien ikun jista' jiġi ravviżat f'dan l-akkwist biss kieku l-konvenut u martu kienu qeghdin jikkoabitaw (ara Appell "Bonnici vs. Tabone", 4 ta' Diċembru 1925), mart il-konvenut ghalhekk ma tistax titqies

li interrompiet il-preskrizzjoni konformement għall-art. 2239 tal-Kap. 23 bħala mandatarja ta' żewġha;

F'każ bħal dan, il-konvenut seta' jkun tenut biss in bażi għall-"actio de in rem verso" (P.A. "Azzopardi vs. Vella", 21 ta' Marzu 1944), għaliex kien jkun arrikkixxa ruħu għad-dannu ta' l-attriċi, li kienet tkun adempiet, mill-patrimonju tagħha, obligu li kien imiss lill-konvenut, ċjoè li jmantni lil martu u lil uliedu, salvi konsiderazzjonijiet oħra fil-każ partikulari (ara studju ta' din l-"actio de in rem verso" ta' Vittorio Mori — "L'actio de in rem verso nel Diritto Romano ed Italiano" — Soc. Edit. Lib. Milano, 1904);

Konsegwentement, mart il-konvenut ma setgħetx tinterrompi l-kors tat-terminu fil-konfront ta' żewġha, l-uniku obligat b'dik l-azzjoni, peress li r-rapport ġuridiku fl-azzjoni "de in rem verso" jinħoloq unikament bejn l-arrikkit u d-danneġġjat; u t-terz (f'dan il-każ mart il-konvenut) ma jagħmilx ħlief, materjalment, jagħti lok li jitwieled dak ir-rapport;

Hu veru li l-mara miżżewġa tista' tkun tenuta "in subsidium" (ara App. Sup. "Debono vs. Azzopardi", 17 ta' Lulju 1901, u P.A. "Camilleri vs. Baker" 2 ta' Diċembru 1898) wara li jiġi eskuss ir-raġel, u pruvata l-insolvenza tiegħu; imma, appuntu għax tenuta biss "in subsidium", u mhux "in solidum", l-att tagħha, rikonjitorju tad-dejn jew komunkwe interruttiv tal-preskrizzjoni, ma jistax jippreġudika lil żewġha (arg. contr. sensu art. 1143, Kap. 23);

Għal dawn il-motivi:
Tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell, u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż; salv, "si et quatenus", kull dritt ta' l-attriċi kontra mart il-konvenut.